# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — IR-RABA' KTIEB TA' L-1926

## IS-SENGħA TAL-KITBA

*(Jorbot mal-faċċ. 75 ta' l-1926)*

### IR-RIFLESSJONI

*Ir-riflessjoni*, jew ir-raġġħa fuq dak li nkunu *osservajna*, tqawwi, twettaq u ssaffi t-tagħrif li wieħed jiġbor bl-*osservazzjoni*: tlaqqa' ħaġa ma' oħra, ġrajja ma' oħra, għamil ma' ieħor u ftit ftit tasal biex tagħraf il-liġijiet illi jmexxu, u jaħkmu dawk il-ħwejjeġ, dawk il-ġrajja, dak il-għamil, u hekk wieħed ikun jista', bosta drabi, ifisser lilu n-nifsu u lil ħadd ieħor ħafna ġrajja li ma jkunx iltaqa' magħhom ħlief dik id-darba biss.

Isimgħu l-poëta kif igħanni fuq iż-żgħużija :

L-isbaħ biċċa ta' ħajjitna,
  Kif igħidu, hi ż-żgħużija,
  Għax saħħitna, għax ħilitna
  Fiha tikber, tieħu qies;
    Iżda hena, iżda sbuħija
    Ma fihiex kemm tgħid in-nies.

Hekk kif f'wiċċna tidher tibda
  Xi turija l'aħna kbirna,
  Il-qalb tagħna tħoss xi ġibda,
  U tkarkarna fejn hi trid;
    Deni jitla' għal sidirna
    Li bla għaqal naħsbuh ġid

Xi daqs xejn ta' mħabba fina
  Hawn titwieled li bil-ħlewwa
Naraw aħna li tħennina,
  X'jiġi minnha ma naħsbux;
    Għomi! meta tidħol sewwa
    Ħlief taħbit ma naqilgħux.

.................................

Bl-ebda għaqal moħħna mtajjar
  Tgħid in-nies illi tarana;
  Aħ, kemm drabi ġewwa mgħajjar
  Ikun fina u ma' nurux!
    Lilna n-nies taħseb ferħana
    U x'joqtolna ma jafux.

.................................

Kif kien jista' qatt il-poeta li kiteb dawn il-versi iqegħdilna quddiem għajnejna bis-saħħa tas-sewwa li intom rajtu, din ix-xbieha hekk minnha taż-żgħużiha, kieku hu ma kienx *osserva* bir-reqqa liż-żgħażagħ fis-snin ta' ħajjithom bejn l-erbatâx u t-tmintâx-il sena? Kollox fela, il-poëta: l-ewwel erba' żajbriet li jidhru fuq il-wiċċ, *turija* illi t-tfulija għaddiet u bdiet riesqa l-milja tal-ħajja; *is-saħħa* u *l-ħeġġa* u *l-ħila* qalbenija li kull jum tikber, tieħu xejra u qies; il-*ġibdiet* qawwija, u xi drabi kiefra, *ta' l-imħabba*; in-nuqqas tal-għaqal, frott tan-nuqqas ta' tiġrib, li jaħasra jiġbed miegħu taqriq, sogħba, indiema u fuq kollox taħbit. Anqas taħrablu *r-riflessjoni* li, għalkemm iż-żgħużija għandha t-twegħir il-għawġ u l-hemm tagħha bħal ma għandha kull biċċa oħra minn ħajjitna, fil-fehma tan-nies hi miżmuma, min jaf hux bil-ħaqq u fis-sewwa, bħala l-isbaħ u l-aħjar medda ta' snin fil-mixja tal-ħajja.

IL-QARI.

Wara l-*osservazzjoni* u r-*riflessjoni*, il-*Qari*. Il-qari ta' kotba tajbin ihejji l-moħħ biex wieħed jista'

jikteb tajjeb; għaliex il-qari jlaqqa' l-ħsebijiet tagħna mal-ħsebijiet ta' l-awtur, naraw kif ħaseb hu u kif aħna mdorrijin naħsbu aħna, kif fisser ruħu hu u kif konna nfissru ruħna aħna, u hekk issir bħal ı ġabra u taħlita tal-ħsebijiet ta' l-awtur u tal-ħsebijiet tagħna, u minn dik il-ġabra u taħlita ssir għażla ta' dawk li jidhrulna l-aħjar.

Bosta drabi, fil-waqt li qegħdin naqraw, niltaqgħu ma' xi għidud li jolqotna, u nieqfu biex nerġgħu naqrawh u ntemuh, u nħossu bħal ferħ, bħal hena li jmur minn moħħna għal qalbna u jisfa fi tbissima. X'inhu? Dak il-ħsieb imfisser b'dak il-kliem ikun għadda bosta drabi minn moħħna, u nkunu ħassejnieh ġo qalbna, bla ma kellna qatt il-ħila nfissruh sewwa. għaliex il-kelma t-tajba naqsitna; u għalhekk dik it-tifsira tkun għalina bħala dehra ta' dawl, bħala dehra ta' ġmiel, bħala qtigħ ta' xewqa li ma konniex nobsru. Oh! kemm nitgħallmu bil-qari infissru ħwejjeġ li għandu mnejn ma konna naslu qatt biex infissruhom b'ħilitna!

Iżda jekk il-qari hu tajjeb għal min irid jikteb b'ilsna mqabbda, imwettqa u magħrufa, hu bil-bosta aktar meħtieġ għal min irid jikteb bil-malti, ilsien li għal mijiet ta' snin ma nkiteb qatt, u meta nkiteb, ma nkitebx bir-reqqa u bl-imħabba ħlief minn ftit li tgħoddhom fuq subgħajk, u li għaldaqstant għad ma ħax dik il-mixja meqjusa u sabiħa li l-ilsna jieħdu biż-żmien.

Issa, x'għandu wieħed jaqra? Naħseb illi l-kotba mħollijin minn awturi qodma huma l-aħjar, għaliex billi eqreb lejn in-nixxiegħa li minnha ġej ilsienna, huma aktar safjin, aktar tas-saħħa, aktar bnien, f'kelma waħda, aktar maltin. Il-qwiel maltin, miġburin fi ktieb wieħed minn Mikielanton Vassalli jiswew mitqilhom

deheb (1), u hekk il-Vanġelji, l-Atti ta' l Appostli u l-Istorja ta' Ċiru maqlubin minnu fi lsienna. Għajb li dawn ta' l-aħħar huma mixħutin lejn il-protestantiżmu. L-innijiet tal-Knisja u ħafna kitba oħra ta' Dun Dovik Mifsud Tommasi ; il kotba ta' Annibale Preca bħal ma hi *l-Istorja tal Knisja*, miġbura fil-malti minn dik ta' Dun Bosco, *Dik Xorti!* jew il-Martirju ta' Sant'Ewstakju, *Qalbiena għal Baħar*, u oħrajn huma ġawhriet tal-lsien malti. U bosta jista' wieħed jitgħallem mill-qari tad-*Dizionario* ta' Falzon u mill-*Vocabolario della Lingua Maltese* ta' A. E. Caruana.

Dan ma jfisserx illi l-qari ta' awturi qrib lejna ma hux ta' fejda. Mhux ftit hemm x'wieħed jiġbor u jaħżen mill-kotba ta' Sisner, ta' Dun Xand Cortis, ta' Ġanni Vassallo u l-aktar ta' Ġużè Muscat Azzopardi

(1) Bħala mera, irrid inġib xi ftit minn dawn il-qwiel, meħudin wieħed minn hawn u wieħed minn hinn, li deherli fihom mhux biss ħsebijiet sbieħ, iżda kliem u tifsir li juri l-qawwa, il-ħeffa, u n-nisġa li hi tal-lsien malti :

1. Il-għada li titrabba fiha
   Il-kefen biss ineħħiha.
2. Il-għaref f'raħlu mhux mismugħ;
   Jitkellmu warajh u jmaqdruh.
3. Bufula, meta kiel nemusa u xaba', farfar ġwienħu
   u, kollu ferħan, telaq igħanni.
4. Dak li lagħabhielek darba, jilgħabhielek mitt darba.
5. F'dar il-għażżien kollox jibki.
6. Ħaġa li ma tixraqx la tagħmilhiex,
   U l-kelma tad-dar la ttennihiex.
7. Ħidma fuq il-qalb, qajla fejda fiha.
8. Nies bla fehma, ħajrhom saħta u rehma.
9. Ir-rħis mhux għal xejn : bejlek għajnek minnu.
10. Dak li baram lili, għada jista' jiftel lilek.
11. Dak li jħobb jixrob l-ilma, ma jegħletx fil-kelma.
12. Debba bla ġiem, tiġġarraf jew tikser għonqha.

—li, fir-rumanzi tiegħu, ma baqa' xejn l-ura, u laħħaq mal-kittieba tajba ta' barra,—u ta' bosta oħrajn illi għandhom isimhom fuq il-ġbin ta' xi ktieb tal-"Mogħdija taż-żmien" maħruġa għal ħafna snin u mmexxija bl-isbaħ fehma u b'dehen kbir mis-Sur Alfons Marija Galea,—ġabra ta' kotba li jixirqilha wisq tajjeb l-isem ta' *barriera tad-deheb.*

Naħseb illi jistgħu wkoll ikunu ta' fejda l-għanjiet li wieħed jirnexxilu jiġbor, friski friski, mill-fomm ta' xbejbiet tar-raba' u tar rħula, li għandhom ħabta kbira biex ifissru bil-għana, bosta drabi minn żniedhom, dawk il ħsebijiet u tqanqiliet, issa ta' mħabba, issa ta' għira jew ta' xi passjoni oħra, li ma' tul il-ħidma talġurnata jgħaddu minn rashom u minn qalbhom.

Ara kemm jinbxu ħelu dawn li ġejjin:

1. Dawk għajnejk iħarsu lejja,
Dak fommok ma jkellimnix,
Donnok trid xi ħaġa minni
W-għal misthija ma tgħidlix.

---

2. Taħseb xejn li jiena nħobbok
Għaliex rajtni nħares lejk:
Ħarist lejk, għax vizzju tiegħi,
Mhux għax sraqtni b'dawl għajnejk.

Ara x'saħħa f'din li ġejja:

3. Hu sikkina xoqqli 'l sidri,
Tara 'l qalbi, medd idejk,
U staqsiha, w-ara x'tgħidlek,
Jekk hux lilek biss ħabbejt.

*(jissokta)*

**Dun Karm**